**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2018**

Numru 25

**Rikors Guramentat Nru. 487/2018**

**L-Avukat Dottor Cedric Mifsud**
**a nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera**
**S.A.R.L. Davemma - M.I.N., bl-indirizz**
**Fleur 4 - Local 68 - Rte de Grenoble - 06296**
**Nice CEDEX 3, Franza**

**vs**

**Il-Bastiment M/Y INDIAN EMPRESS**
**registrat gewwa r-Renju Unit bin-numru**
**ufficjali 737855 u numru tal-IMO 1006245**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tad-17 ta’ Mejju 2018 li jghid hekk:

1. Illi il-bastiment intimat M/Y Indian Empress huwa yacht registrat taht il-bandiera marittima tar-Renju Unit li ghandu n-numru ufficjali tar-registrazzjoni 737855 u in-numru tar-registrazzjoni tal-Organizazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) 1006245 (Certifikat tar-Registru tar-Renju Unit ghal-bastiment M/Y Indian Empress hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

2. Illi s-socjeta estera S.A.R.L. DAVEMMA - M.I.N registrata gewwa Franza, bl-indirizz Fleur 4 - Local 68 - Rte de Grenoble - 06296 Nice CEDEX 3 - Franza, pprovdiet numru ta' provizjonijiet lill-bastiment M/Y Indian Empress fix-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017);

3. Illi d-diversi provizjonijiet forniti lill-bastiment M/Y Indian Empress, u spejjez ohra inkorsi mis-socjeta rikorrenti in konnessjoni mal-bastiment intimat jaqghu taht l-artikolu 742B (0) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi s-socjeta rikorrenti harget tlett (3) fatturi ghal dawn l-imsemmijin servizzi. Komplessivament dawn il-fatturi, li jirriflettu s-servizzi moghtija lill-bastiment intimat, jammontaw ghas-somma ta' wiehed u tletin elf erba' mija u tnax-il ewro punt disgha u tletin centezmu (€31,412.39) u dana kif provdut mill-fatturi hawn annessi u mmarkati bhala Dok. B, Dok. C u Dok. D;

5. Illi l-imsemmijin fatturi gew accettati mill-bastiment intimat u/jew rapprezentanti tieghu u ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni illi giet mqajma mill-bastiment intimat dwarhom;

6. Illi b'referenza ghal-fattura numru FAC-20170731/01179 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B) huwa importanti li wiehed jinnota illi mill-ammont globali ta' tlieta u tmenin elf sitt mija tmienja u sebghin ewro punt disgha u tletin centezmu (€83,678.39) dovuti a bazi tal-imsemmija fattura, jifdal l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf sitt mija tmienja u sebghin ewro punt disgha u tletin centezmu (€23,678.39) pendenti. Dan ghaliex l-ammont ta' sittin elf ewro (€60,000) maqsum f'zewg pagamenti ta' tletin elf ewro (€30,000) kull pagament, diga gie mhallas mill-bastiment intimat. Ghalhekk dan l-ammont flimkien mal-ammonti indikati f'fatturi numri PRO-20180409/00165 (hawn anness u mmarkat bhala Dok. C) u numru PRO-20180514-00185 (hawn anness u mmarkat bhala Dok. D) jammontaw ghal ammont totali ta' wiehed u tletin elf erba' mija u tnax-il ewro punt disgha u tletin centezmu (€31,412.39) pendenti u li ghadhom ma gewx mhallsa mill-bastiment intimat;

7. Illi minkejja I-fatt illi s-socjeta rikorrenti interpellat diversi drabi lill-bastiment intimat u/jew rapprezentanti tieghu sabiex jersqu ghal hlas tal-fatturi relattivi, huma baqghu inadempjenti u sal-gurnata tal-lum dan l-ammont ghadu ma giex rimborzat lis-socjeta rikorrenti. Ghaldaqstant il-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' wiehed u tletin elf erba' mija u tnax-il ewro punt disgha u tietin centezmu (€31,412.39);

8. Illi inoltre, din il-pretensjoni tar-rikorrenti nomine fil-konfront tal-bastiment intimat hija koperta bi privilegg specjali ai termini tal-artikolu 50(m) tal-Kap. 234. tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi l-imsemmi ammont ta' wiehed u tletin elf erba' mija u tnax-il ewro punt disgha u tletin centezmu (€31,412.39) huwa dejn cert, likwidu u dovut ulima jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' xi fatt, mill-bastiment intimat lis-socjeta rikorrenti u ghalhekk fil-fehma tas-socjeta rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fl-umli fehma tal-istess rikorrenti nomine, il-bastiment intimat ma ghandux eccezzjonijiet validi xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;

Jghid ghalhekk il-bastiment intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Taqta' il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti S.A.R.L. DAVEMMA - M.I.N. fis-somma ta' wiehed u tletin elf erba' mija u tnax-il ewro punt disgha u tletin centezmu (€31,412.39) ghal numru ta' provizjonijiet forniti lill-istess bastiment M/Y Indian Empress;

3. Tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti S.A.R.L. DAVEMMA - M.I.N. is-somma wiehed u tletin elf erba' mija u tnax-il ewro punt disgha u tletin centezmu (€31,412.39) ghar-ragunijiet kif fuq dettaljati;

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kontra l-bastiment intimat li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat li l-bastiment konvenut gie debitament notifikat pero ma deher hadd ghas-seduta tad-29 ta' Mejju 2018 biex jiggustifika jekk hemmx difiza tajba ghall-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament tad-difensur nomine Dr Cedric Mifsud fejn iddikjara illi l-ammont reklamat ghadu kollu dovut, u illi l-bastiment konvenut la ghamel xi hlas akkont u lanqas ikkomunika mieghu wara li giet prezentata l-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Jirrizulta mill-atti tal-kawza illi s-socjeta attrici forniet servizzi u inkorriet spejjez ghal bastiment skont kif esebit fil-fatturi Dok. B sa D fil-process.

Din it-talba hi gustifikata ai termini tal-artikolu 742B(a) tal-Kap. 12 liema kreditu jikkostitwixxi privilegg ai termini tal-artikolu 50(m) tal-Kap. 234.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ma saret ebda oppozizzjoni, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil bastiment konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' wiehed u tletin elf erba' mija u tnax-il ewro punt disgha u tletin centezmu (€31,412.39) rapprezentanti ta'

numru ta' provizjonijiet forniti lill-istess bastiment, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur